# STUDJU ĠENERALI TAS-SUNETT F'IDEJN DUN KARM

Ta' Victor Spiteri

JEKK hawn poeta Malti li jisthoqqlu jkun meqjus bħala l-aqwa sunettier fil-letteratura Maltija dan hu Dun Karm. Dun Karm, bħall-aqwa poeti Ewropej: Dante, Petrarca, Shakespeare, Milton, Wordsworth u Keats, kiteb ħafna sunetti. Il-fatt li poeti mondjali barranin kitbu sunetti mill-aqwa juri l-importanza li għandu s-sunett fil-karriera letterarja. Fil-ktieb *Antoloġija* nsibu tmienja u tletin sunett li huma mfassla fuq is-sunetti ta' Petrarca li għandhom ir-rima, abab – abab – cdc – ede. Hekk huma mfassla s-sunetti: *Għal Dun Mikiel Xerri* u *Lil Mikiel Anton Vassalli*. Jew bitterzini li jispiċċaw ede – ede, bħal ma huma: *Lil Madonna ta' Lourdes* u *Lill-Pjaċir*; jonkella fuq it-tifsila abba – abba – cdc – ede. Dun Karm juża din ir-rima ta' l-aħħar fis-sunett *Nhar San Ġwann*. Dun Karm ma kitibx sunetti Shakesperjani bħal ma kiteb Ġorġ Pisani, imma s-sunetti ta' dan ta' l-aħħar huma anqas qawwija minn ta' Dun Karm. Jien naħseb li Dun Karm ma kitibx sunetti Shakesperjani għaliex meta kien għadu student, hawn Malta t-tagħlim kien aktar mitfugħ fuq il-letteratura Taljana milli Ingliża; għaldaqstant, Dun Karm kien imdorri b'poeżiji ta' tifsila Taljana. Dun Karm tant kien mgħallem ta' l-ilsien Taljan li kiteb poeżiji bit-Taljan wkoll bħal ma hu s-sunett *A Mio Padre Morto*.

X'suġġetti għażel Dun Karm fis-sunetti tiegħu? Il-patrijottiżmu, ir-reliġjon u l-istorja ta' Malta huma suġġetti li ħeġġewh jikteb sunetti mill-isbaħ. Fis-sunett *Lil Malta – fuq il-fruntiera*, il-qarrej mill-ewwel jintebaħ bl-imħabba tal-poeta għal pajjiżu. Fl-ewwel vers kiteb:

Dejjem rajtek sabiħa, O Malta tiegħi

Il-poeta tant iħobb lil Malta li dejjem raha sabiħa anki meta kienet kerha, jiġifieri meta ħafna postijiet f'Malta kienu mġarrfa bl-attakki mill-ajru ta' l-għadu fit-tieni gwerra dinjija. Ara xi jgħid il-poeta fl-aħħar terzina:

'Mma jien ma rajtek qatt bħall-lum sabiħa

Sunetti patrijottiċi huma wkoll *Il-Bandiera Maltija* u *Lil Malta*. Fl-ewwel wieħed Dun Karm bi kliem sod juri li ma jrid l-ebda kulur jitħallat mal-bandiera nazzjonali tagħna – jridha bajda u ħamra biss. Dan l-artist hekk ixebbaħ l-abjad u l-aħmar tal-bandiera Maltija:

Bajda u safja bħas-sema fil-Libiena,
Meta f'Novembru sajf ieħor jiġina.
Ħamra bħad-demm fuq wiċċ ta' xebba rżina.

Fis-sunett *Lil Malta* Dun Karm jistqarr bis-sinċerità kollha mħabbtu għal art twelidu. Ara kemm hu espressiv u emfatiku: "Iżda daqshekk lil ħadd". Din il-frażi jtennieha tliet darbiet. Il-poeta jħobb 'il Malta aktar mill-Italja u mill-Ingilterra għalkemm jammirahom it-tnejn: ta' l-ewwel għax hi "l-omm tal-poeżija" u l-oħra għax "għandha fehma daqs l-azzar qawwija".

Fost is-sunetti storiċi li kiteb Dun Karm insibu, *Għal Dun Mikiel Xerri*, *Lil Mikiel Anton Vassalli* u *Dehra ta' VIII ta' Settembru 1965*. L-ewwel tnejn huma dedikati lil żewġ patrijotti Maltin li ssieltu mal-barranin għall-jeddijiet tal-Maltin. Fl-ewwel sunett il-poeta hu emozzjonali għax ma sab l-ebda monument li jfakkar l-għemil ta' Dun Mikiel Xerri:

U fittixt, imm'għalxejn, fuq l-art Maltija
ħaġra li turi fejn hu l-qabar tiegħek
jien regħ'xt u bkejt, għax rajt kemm
kienet xħiħa miegħek din l-Art.

Fit-tieni sunett Dun Karm ifaħħar lil Mikiel Anton Vassalli għax ħabb l-ilsien Malti u għaliex kien l-ewwel wieħed li ħolom li jara 'l Malta magħquda bħala nazzjon wieħed. It-tielet sunett f'dan il-qasam ta' sunetti storiċi kitbu fuq wieħed mill-akbar ġrajjiet fl-istorja ta' Malta – l-Assedju l-Kbir, u l-protagonista ta' din il-ġrajja, il-Gran Mastru La Valette. Dun Karm faħħar lil Dun Mikiel Xerri u lil Vassalli hekk wkoll għolla lil dan il-barrani li tqabad biex pajjiżna jibqa' ħieles. Naqraw x'qal il-poeta fuq La Valette:

Sidru ta' ljun, ħarstu bin-nhar mimlija,
bix-xabla f'idu li ma tafx mistrieħ.

Dun Karm, b'sengħa ta' mgħallem letterarju iddeskriva tajjeb ħafna lil dan il-qalbieni ta' l-Assedju. Fil-fehma tiegħi dawn it-tliet sunetti huma monumenti letterarji fuq individwi li ħabbew lil din l-Art Ħelwa.

Suġġett ieħor għażiż għal Dun Karm kien ir-reliġjon. Fuq dan il-poeta kiteb sunetti sbieħ u mill-aħjar li għandna fil-letteratura Maltija. Insemmi bħal *Lill-Knisja*, *Mater Purissima*, u *Bjuda*. Il-Professur Aquilina jgħid li huma "ġawhar ta' ġmiel fil-ħsieb u fit-teknika". Jekk taqrahom sewwa tinduna u taqbel ma' dak li qal Aquilina fuq it-teknika li uża l-poeta. L-isbaħ vers fis-sunett *Lill-Knisja* hu dan:

Dak li dejjem miegħek
Jarmi l-imperi biex iwettaq lilek

F'din is-silta Dun Karm qiegħed igħid li Alla hu l-għassies tal-Knisja Kattolika. Dan is-sunett fih l-istess idea bħas-sunett ta' qablu, *Roma Immortalis*. Fit-tnejn il-poeta jsemmi l-immortalità tal-Knisja. F'*Roma Immortalis* Dun Karm kiteb: "Ruma li ma tmut qatt, u qatt mhi xiħa". Fis-sunett, *Lill-Knisja* hu jgħid wkoll "Int biss ta' dejjem, u qaddis għamilek". Il-lehma taż-żewġ sunetti l-oħra, *Mater Purissma* u *Bjuda* hi l-Madonna. Fil-fehma tiegħi *Mater Purissma* hu isbaħ minn *Bjuda*. F'*Mater Purissma* Dun Karm jitħaddet mill-bidu sa l-aħħar fuq il-Madonna u li meta jaħseb fuqha l-poeta jitfarraġ u jitnissel fih hena spiritwali. F'dan is-sunett insibu tixbiha sabiħa ħafna:

għax inti safja bħala qatra nida
Li tinżel mis-smewwiet fuq fomm ta' warda
U fis-smewwiet ix-xemx terġa tiġbidha

Simili miktuba fi kliem sempliċi tassew u li tagħti ġmiel lil dan is-sunett. Fis-sunett *Bjuda* l-aktar vers li laqatni kien l-aħħar wieħed:

Li kienet xebba u kellha 'l binha f'idha.

Vers majestuż ħafna li jfakkarni fil-vers li kiteb John Milton fil-poeżija, *On the Mording of Christ's Nativity*:

Of wedded maid and virgin mother born.

Fiż-żewġ poeti naraw il-ġmiel ta' l-espressjoni tal-kelma.

Minbarra dawn li semmejt, Dun Karm kiteb sunetti oħra fuq diversi suġġetti, sunetti sbieħ daqs dawk li tħadditt fuqhom għal ħsieb, it-teknika, ir-riflessjoni u l-fantasija li fihom: Insemmi: *Wied Qirda*, *Nhar San Ġwann*, u *Univers Ieħor*. L-ewwel kwadru ta' *Wied Qirda* nqisu bħal "snapshot" meħud f'inżul ix-xemx. Trid tkun tabilħaqq artist biex f'erba versi tiddeskrivi kwadri bħal dan:

Meta ninżel hawnhekk fil-waqt li ħamra
ix-xemx tistaħba wara l-Fuqqanija
u nara d-djar u 'l fuq mid-djar xi tamra
isewdu fuq il-ward ta' dik id-dija.

Is-sunett, *Nhar San Ġwann* jogħġobni għas-solennità li fih. Il-poeta jikseb din is-solennità permezz tal-Malti li juża. Nieħdu l-ewwel kwartina u malajr tinduna b'din is-solennità:

Għaddew mijiet ta' snin u leħnek baqa'
Sabiħ u qawwi nhar il-Għid ewlieni
Tal-kbir Battista jidwi kmieni kmieni
Fuq din il-Belt li nbniet biex qatt ma taqa.

Wallace Gulia, f'essay li kiteb fuq il-poeżija ta' Dun Karm, jikkunsidra dawn iż-żewġ ġawhriet letterarji (*Wied Qirda* u *Nhar San Ġwann*) bħala "poeżiji sublimi". Is-sunett l-ieħor, *Univers ieħor*, jistħoqqlu kull tifħir għaliex hu realistiku u fantastiku fl-istess ħin. F'din il-poeżija Dun Karm jigglorifika l-maternità. L-aktar żewġ siltiet li għoġbuni huma dawn:

U waqt li l-għonq taqbdilha jew il-komma
Tiġbed minn sider bnin l-ogħna matmura

Dawn iż-żewġ versi huma naturali u realistiċi; huma jiffurmaw kwadru sabiħ: t'omm u t-tarbija tagħha. Xena meħuda mill-ħajja ta' kuljum. Is-silta l-oħra hi oriġinali u fantastika ħafna:

U minn dak l-univers ta' tjieba u dija
Li jiddi ħelu fuq wiċċ ta' mara
Alla jixref u jidħak lit-tarbija.

Il-poeta jimmaġina 'l Alla jittawwal u jitbissem lit-tarbija innoċenti. Kwadru ieħor ta' ġmiel u fantasija.

Il-fatt li Dun Karm kiteb ħafna sunetti ta' livell għoli hu xhieda li kien mgħallem tas-sunett. Dun Karm kien jaf tajjeb it-teknika tas-sunett. Fis-sunetti, kif ukoll fil-poeżija kollha ta' Dun Karm, il-karatteristiċi huma r-riflessjoni, il-patrijottiżmu, l-espressjoni tal-kelma u l-għażla tal-kliem. Il-kritiku Malti, ir-Rev. P. Grech, igħid dan fuq il-kitba ta' Dun Karm:

"Dun Karm, like Shakespeare, is a romantic in thought and sentiment, but is purely classical in relation to his own literature. He will never cease to be a criterion for the use of language in Maltese literature. Styles may change, but beauty of diction will always be measured against Dun Karm's use of words, because in him, as in Shakespeare, one can appreciate the full beauty of the language".